

# Il-Gwerra F'Ħal Qormi

*Kitba ta' Alistair-Paul Borġ B.A. (Hons.), M.A.*

Ftit forsi nnutaw li din is-sena jaħbat is-70 anniversarju mindu madwar id-dinja faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija bl-invażjoni tal-ġermanja Nazzista fil-Polonja. Tista' tgħid li dan il-kunflitt laqat il-ħajja ta' kull bniedem f'kull sens possibli irrispettivament mir-razza, ġens jew reliġjon tiegħu. Wara l-invażjoni tal-Polonja l-gwerra infirxet f'ħakka t'għajn ma' kullimkien biex fi tmiemha wara aktar minn ħames snin ta' ġlied kontinwu, kienu mietu aktar minn 60 miljun ruħ, sar ġenoċidju sħiħ kontra l-Lhud, ġiet ivvintata l-bomba atomika u fost affarijiet oħra nbidlet għal kollox il-fiżjonomija politika, ekonomika u soċjali tad-dinja. Lilna l-Maltin din il-gwerra laqtitna u kif. Kien sewwa sew fis-7 ta' filgħodu tat-Tlieta 11 ta' Ġunju 1940, l-għada tad-dikjarazzjoni ta' gwerra tal-Italja fuq l-Ingilterra li sar l-ewwel ħbit fuq il-gżejjer Maltin. Minn dak il-jum 'il quddiem il-ħajja tal-Maltin inbidlet u kellha tibqa tinbidel sal-jum tat-8 ta' Settembru 1943 meta fl-aħħar l-Italja ċediet u għalhekk Malta ħadet ftit tan-nifs.

Tassew li dwar l-istorja tat-Tieni Gwerra Dinjija kemm f'pajjiżna kif ukoll barra smajna u qrajna ħafna u llum kulħadd jista' jidħol fuq l-internet u jaqra artikli kemm irid dwar aspetti varji bħall-kronoloġija, l-andament u l-istatisika tagħha. Pero, speċjalment fil-kuntest Malti ftit issib kitbiet li jiddeskrivu x'kien iħoss il-bniedem komuni li kellu jgħix il-ħajja ta' kuljum f'din l-esperjenza kerha, x'kienu il-biżgħat jew x'kien fadal mill-aspirazzjonijiet tiegħu. L-istorja tal-gwerra f'pajjiżna barra minn hekk tikkonċentra ħafna fuq l-ibliet ta' madwar il-port, il-Belt, il-Birgu, l-Isla, Bormla mingħajr ma tagħti ħjiel sewwa ta' dak li għaddew minnu n-nies f'irħula bħal Ħal Qormi. Minn xiex għadda r-raħal f'dawk iż-żminijiet? Kif kampaw il-Qriema bil-bombi neżlin madwarhom? Baqgħu jmorru għax-xogħol? Baqa' jsir quddies fil-knejjes? Kien fadal xi forma ta' divertiment? X'sar minnha l-parroċċa żgħażugħa ta' San Sebastjan? U l-bini tal-knisja, u l-Każin Pinto, u l-Banda?

Biex inwieġbu dawn il-mistoqsijiet u nsiru nafu aktar dwar dan kollu tkellimt ma' żewġ Qriema mdaħħlin sewwa fiż-żmien li l-gwerra għexuha fi tfulithom u f'żgħożithom u dak li għaddew minnu jiftakruh qisu 'l bieraħ. L-ewwel minn dawn il-persuni, Lucy Mifsud fil-waqt li dejjem għexet Ħal Qormi fl-inħawi tal-parroċċa San Sebastjan tiġi z-zija t'ommi u kellha biss 11-il sena meta faqqgħet il-gwerra. Sa minn żgħożitha dejjem kienet attiva fil-ħajja tal-parroċċa u fejn setgħet dejjem tagħat daqqa t'id speċjalment f'attivitajiet ta' fundraising għall-knisja. L-aktar reċenti kienet ukoll membru attiva tal-kor Laudate Dominum. It-tieni persuna Emmanuel Debono hu aktar magħruf mal-Qriema bħala Leli ta' Nora. Illum Leli jgħodd 87 sena u żgur li kull min hu mdaħħal fiż-żmien jiftakru għad-drama u t-teatrin li kien jiġi organizzat f'Ħal Qormi u speċjalment fil-Każin Pinto.

Nibdew minnufiħ minn dak li tiftakar Lucy dwar il-ġranet tal-gwerra: *'Kien it-Tlieta fis-7 ta' filgħodu, mort inqajjem lill-oħti Marija li kienet rieqda taħt it-tieqa tad-dar fejn konna noqogħdu fi New Street u jiena u nqajjimha, t-tieqa bdiet titriegħed, qisu terremot ...... kelli 11-il sena. Kienu ġew it-Taljani.*

Imbagħad kulħadd ħareġ *barra...... ifhem konna qed nistennewha għax Gallina kellu radju, ħliefu ma kienx hawn min kellu radju u kien jagħmlu fuq tal-Italja u konna mmorru wara l-bieb biex nisimgħu għax fuq dan ir-radju kien hemm waħda Maltija, kienu trasferewha hemm għax tiġi minn xi Taljani.'*

Qabel nidħlu fuq id-dettalji tal-gwerra, hawnhekk beda jidher biċ-ċar kemm il-ħajja f'dawk iż-żminijiet kienet sempliċi mingħajr kumditajiet ta' xejn. Lil Lucy għalhekk tlabtha tiddiskrivili kif tiftakar Ħal Qormi fis-snin ta' qabel il-gwerra, fiex kienu jaħdmu l-Qriema per eżempju? *'Il-maġġoranza ta' dawk li kienu joqogħdu fejn il-Vitorja kienu jaħdmu x-xatt, konna narawhom tilgħin lura bil-mixi u speċjalment dawk li kienu jaħdmu fil-faħam kienu jkunu kollha suwed bil-faħam. Kien hawn ukoll min bħal missieri kellu xi naqra negozju żgħir għaddej...... kien hawn ħafna faqar pero' mhux f'Ħal Qormi biss għax il-familji kienu kbar u l-missier biss kien jaħdem. Kien ikollok paga ta' xi tliet liri fil-ġimgħa. Kienu ħafna għax dak iż-żmien konna nixtru bit-tlitiet u s-sittiet, imma faqar kien hawn ħafna...meta faqqgħet il-gwerra imbagħad kulħadd imwerwer pero' kulħadd kellu jibqa' jmur għax-xogħol għax inkella kif ħa jieklu. Kulħadd kien jissogra u ġieli mietu n-nies mat-triq.........ħeq, Ħal Qormi bħala attakki ma sofriex daqs l-inħawi tal-Kottonera pero' niftakar darba per eżempju kienet waqgħet bomba fil-forn tal-putes, kienu mitulhom żewġt itfal, waħda ta' ħames snin u tifel ta' seba` snin, dan il-forn kien fejn San Pawl, kien waqa' saqaf fuqhom u f'San Pawl ta' Frar kienu waqgħu ħafna bombi, konna ngħidulhom termosijiet għax kienu forma ta' termos u dawn kienu jisplodu fl-idejn, kont taħseb 'ara x'termos hawn', tiġbru u jisplodi f'idejk. L-ewwel li miet kien it-tifel ta' Grezz tal-ġnien, Ninu. Kien miet ukoll it-tifel ta' Ġanna tal-lira fejn l-għajn tal-bhejjem, kien qed jaqsam it-triq mill-forn għan-naħa l-oħra u splodiet ħdejh. Ħal Qormi dak iż-żmien kien ukoll imdawwar bil-kanuni bħal dawk ta' fuq Fleur de Lys, tal-Ħandaq u l-Marsa bis-searchlights biex jaraw l-ajruplani...... l-ajruplani kienu jitfgħu l-bombi għal fuq l-airport u għalhekk ġieli konna nħossu r-riħ tagħhom u bir-riħ tal-bomba ġieli weġġgħu n-nies.'*

Jien kelli l-impressjoni li waqt l-air raids il-Maltin kienu jiġru jinżlu fix-xelters. Mid-dehra iżda dan mhux dejjem kien ikun il-każ u għalhekk lil Lucy staqsejtha għalfejn mhux dejjem kienu jinżlu: *'Kien hawn min jissogra għax it-Taljani m'għamlu xejn imma mbagħad meta ġew il-ġermaniżi wara sitt xhur, kienu xi 2.00 ta' wara nofsinhar u missieri fil-kantuniera qagħad għax ħaseb li dawn bħat-Taljani, ma basarx għal xiex kienu jaslu. Il-ġermaniżi kienu jiddajvjaw kważi mal-bjut, imbagħad għalhekk bdejna ninżlu aktar fix-xelter. Aħna kellna xelter fl-għalqa fi New Street, l-ewwel konna ninżlu ġo bir bis-sellum u noqogħdu taħt mad-dawra imma mbagħad bdew jiġu l-isplinters. Kienu qalulna u missieri hekk kien għamel, biex insibu kamra u ndawruha bl-ixkejjer tal-ħamrija ħalli tkun safe, u missieri hekk għamel. Darba ġew in-nies tal-Gvern, qabdu zokk ta' xkupa jħabbtu mal-art, qalulu sod...... ħarġu barra u lil kull min raw qalulu biex jekk jagħmel xi air raid jidħlu għandna, lejl u nhar. Issa kieku ġiet bomba żgur konna nifggħu bil-ħamrija, ma kien safe xejn. Imbagħad il-gvern ħaffrilna xelter, għamlilna mina. ġieli konna nkunu reqdin, iqajjimna missieri għax jisma' s-sirena u mmorru niġru fix-xelter. Minbarra tagħna fi New Street kien hawn xelters oħra. Kien hemm wieħed fil-bidu ta' Żinżel Street, kulħadd imur fejn irid, fejn jilħaq. Imbagħad wara li għamlilna l-mina l-Gvern, min seta' ħaffer kamra għalih. Kien hemm min ħaffer... ... aħna konna ħaffirna waħda. Għamilna żewġ kruċċetti biex jorqdu fuqhom ħuti u magħna konna rraqdu żewġt itfal ta' familja minn Bormla. Niftakar ukoll li l-majjistra kienet ħaffret xelter biex fih twelled it-tfal.'*

Hawnhekk ħadt spunt biex lil Lucy nsaqsiha kif u meta bdew ġejjin ir-refuġjati tal-gwerra mill-ibliet u kif dawn effetwaw il-ħajja f'Ħal Qormi: *'U żgur li kien hawn refuġjati ġo Ħal Qormi......minn qabel il-gwerra bdew ġejjin......fejn bdew isibu l-vojt bdew jikru u aktar u aktar wara li ntlaqtet il-Kottonera aktar bdew ġejjin, anke' ħafjin, familji sħaħ. Kienet ħarġet liġi biex kull familja żżomm familja. Aħna kienet ġiet mara waħda weħidha għandna u konna żammejnieha. Kienu anke' joqogodu ġo kappelli, per eżempju l-kappelli li hemm fejn San Franġisk kienu qagħdu fihom xi refuġjati, fejn isibu l-vojt kienu joqogħdu u anke' fl-iskola. ħeq u dawn in-nies billi kienu tal-ibliet kienu jippretenduha*

*tas-sinjuri u aħna per eżempju dak iż-żmien ġor-raħal konna noqogħdu ħafjin u b'xi libsa mraqqa'. Huma mill-banda l-oħra kienu jriduha tas-sinjuri...... pero' t-tfal kollha jingranaw ma' xulxin, ma kienx hemm differenza. Huma forsi kienu jitkellmu aktar bil-pulit li wara kollox hu d-djalett tagħhom. Per eżempju kienu jitkellmu bit-taf u aħna kollox u kulħadd bit-tuf.' Apparti l-kuntrast soċjali bejn in-nies tar-raħal u tal-ibliet il-gwerra ġabet ukoll skarsezza tal-ikel u mard fir-raħal. Tgħidilna Lucy: 'L-ikel kien naqas, in-nies bdew jieklu ħobż iswed, missieri qatt ma riedna niekluh, kien anke' jmur jixtri xkora dqiq 33 Lira meta dak iż-żmien kienet suppost tqum 18 irbiegħa (12ċ Maltin). ħuti kienu jmorru għand tal-forn biex itina ħobża żgħira, tiswa xi 20ċ Maltin meta filfatt kienet tiswa xi 6 ħabbiet u bit-terturi ttihilhom. Tal-forn kien ikollhom provvista ta' dqiq pero' kien hemm ħafna li kienu jħalltu u jagħmluh iswed, kienu jidħnuh bil-qxur tal-qamħa. Kien ħobż tqil u ikrah, kienu jgħidu li kien hemm min anke' ramel tefa fih. Niftakar ukoll nies minn Ħal Luqa ġejjin bil-mixi bid-deheb li kien ikollhom biex ipartuh mal-ħobż, iva kienu jiġu msieken......u anke' mard kien hawn, l-iscabies speċjalment, kulħadd iħokk u kulħadd bil-ġrieħi. Minbarra dan kollu f'Ħal Qormi kien hawn ukoll il-Bażuti. Il-Bażuti kienu riġment ta' suldati suwed tal-ġens tal-Basotho li llum fil-biċċa l-kbira jinsabu fil-pajjiżi tal-Affrika t'Isfel u l-Lesotho. Tal-ħlas kien mimli bihom...... ġieli kienu jinżlu anke' t-talkies filgħaxija fejn illum hemm il-Każin tal-Labour.'*

Allura attivitajiet ta' divertiment ma waqqfux fi żmien il-gwerra. Hawnhekk staqsejt lil Lucy dwar x'tiftakar li kienu l-iżvogi u d-divertiment tal-Qriema dak iż-żmien u jekk dawn baqgħux isiru minkejja l-biża' ta' ħbit mill-ajru: *'It-talkies baqa' jsir tant hu hekk li darba fil-Belt kienu mietu ħafna nies meta waqgħet bomba quddiem il-Colliseum. ħafna mill-ħin liberu pero konna nqattgħuh bilqegħda wara l-bieb. Pero t-talkies kien baqa' jaħdem ukoll f'Ħal Qormi anke' jekk dak iż-żmien ma kinux imorru ħafna nisa u tfajliet......għalina li konna tfal kien qisu aktar għal nies kbar. Meta bdiet ħierġa l-gwerra imbagħad beda' jsir anke' t-teatrin fil-Każin......aħna kollha konna mmorru għax konna nħobbuh, bħal ommi tgħidx kemm kienet tħobbu.........is-sala t'isfel kienet tkun mimlija ...... kien imfittex ħafna min-nies tar-raħal.'*

Il-kliem bħaċ-ċirasa. La konna qed nitkellmu fuq il-Każin u l-attivitajiet tiegħu ma stajtx ma nsaqsix x'kien sar mill-festa ta' San Sebastjan u mill-parroċċa żgħażugħa tiegħu li kienet għadha kif twaqqfet fl-1936: *'Ftit qabel bdiet il-gwerra konna sirna parroċċa. Kien beda' l-bini tal-knisja pero' meta ġiet il-gwerra kollox kellu jieqaf sakemm fl-aħħar bdiet tbatti u seta' jitkompla xi xogħol. Niftakar kien ġie l-Isqof Gonzi biex ibierek l-ewwel ġebla, kienu ġibduh bil-ħbula minn fejn l-għajn tal-bhejjem bil-banda, poġġew il-ġebla, dik li qegħda qabel tidħol fis-sagristija......issa hemm irħama biex tfakkar dan il-jum. Matul il-gwerra l-banda kienet toħroġ naqra ddoqq pero ma tantx kienu jissugraw. Il-banda ma kinetx iddoqq fil-festi pero meta bdiet iċċedi l-gwerra l-ħajja aktar bdiet ġejja għan-normal. Bħala quddies fi żmien il-gwerra xorta konna mmorru, in-nies kienet tattendi ħafna u kien isir ħafna talb u kien isir ħafna talb anke ġox-xelter... ... kulħadd bil-kuruna jgħid ir-rużarju. Attivitajiet ta' barra pero xejn ma kien isir, la l-Ġimgħa l-Kbira, la l-Irxoxt, xejn, minħabba l-air raids......jekk ġie l-20 ta' Jannar kienet issir festa żgħira ġol-knisja ġewwa. Pero l-festi kullimkien waqfu ta', il-Kunċizzjoni ta' Bormla per eżempju ħaduha Birkirkara, il-knisja ta' San Lawrenz il-Birgu kienet intlaqtet is-sagristija tagħha u mietu ħafna nies. Il-knisja ta' Ħal Luqa wkoll kienet intlaqtet sew, kienet ġiet bitħa, bla saqaf. Meta ċediet ftit il-gwerra kienu għamluha l-festa u konna morna u meta fetħu l-bieb Sant Andrija minn ġo bitħa ħareġ għax il-knisja kienet waqgħet u kien baqa' biss il-faċċata...... Garew beda jdoqq il-qanpiena hemm fuq, u n-nies jgħajtulu 'inżel minn hemm għax ħa jaqa' l-kampnar bik'. Il-knisja tal-Isla rajtha wkoll gozz ġebel......niftakar kien hawn żewġ refuġjati hawn u lill-ommi kienu qalula biex joħduna pajjiżhom ħalli naraw x'hemm...... għadni qed nara l-knisja borġ ġebel, fejn kien hemm ir-redentur biss ma waqax. Niftakar tajjeb ukoll dak li kien ġara ġol-Mosta......kien qed isir il-Katekiżmu fit-3.00pm, kien il-Ħadd, ġiet bomba, għamlet ħofra pero' ma ġara xejn.'*

Hawnhekk Lucy reġgħet bdiet tirrakkontali ġrajjiet oħra Qriema ta' żmien il-gwerra: *'U l-kuġini tiegħi kellhom forn...... kienet ġiet bomba fih u ma splodietx. Kienu evakwawhom biex ineħħuha s-suldati. Tal-Lira fejn illum hemm ic-Chatillon, hemmhekk kien kollu raba. Kien hemm missier u iben li kienu qed jaħdmu l-għelieqi u kien hemm bomba, ma rawiex taħt il-ħamrija, tawha daqqa ta' mażqa u tajrithom biċċiet. Darba oħra niftakar kien waqa' ajruplan ħdejn l-iskola, konna smajna ħoss kbir, ħriġna barra u sibna daħna kbira ħafna. Kien ġie fuq dar ta' familja, nofsu fuq din id-dar u nofsu ġo barriera......kienu mietu r-raġel u l-mara u salvaw ħamest itfal li kienu telgħu mal-katusi u marru għand il-ġirien. Għall-pilot kien niżel in-nannu ta' Dun Joe Camilleri u tellgħuh ħaj.'*

Din it-taħdita ma' Lucy fl-aħħar spiċċat billi tlabta tiddiskrivili x'kienu t-tamiet tal-Qriema u l-Maltin inġenerali dak iż-żmien li l-gwerra fl-aħħar tintemm. Kienu jsegwu aħbarijiet ta' barra per eżempju biex jaraw xi żviluppi kienu qed iseħħu? Kienu jibżgħu li Malta tispiċċa bħal Franza u pajjiżi oħra maħkuma minn Hitler u l-ġermaniżi: *'Ma kellnix biex nisimgħu l-aħbarijiet ta' barra. Konna nkunu nafu mill-gazzetta għax missieri kien jgħaddi jixtri l-Berqa, kien jgħajjatli u jgħidli biex jien naqra ħalli hu jkun jaf x'inhu jsir. Darba kont staqsejtu ta' tifla li kont 'Din il-gwerra xi tkun?' Kien qalli jkun hemm il-vapuri fil-baħar u joqogħdu jisparaw għal xulxin pero mhux hekk kien għax l-isparar minn fuq kien ġej. In-nies pero' kienu jgħidu x'qed jiġri, il-kelma kienet timxi...... Franza ġralha hekk u dak il-pajjiż l-ieħor ġralu hekk......kien hawn ukoll il-biża ta' invażjoni pero Malta qatt ma ċediet......minkejja d-diffikultajiet.'*

Mingħand Lucy Mifsud immorru issa għand Emmanuel Debono jew kif inhu magħruf aħjar mal-Qriema bħala Leli ta' Nora. Għal min għandu ċertu etá Leli hu magħruf sew għall-involviment tiegħu fid-dinja tat-teatru speċjalment għat-teatrin li kien jiġi organizzat f'Ħal Qormi u fil-Każin Pinto fis-snin ta' qabel u wara l-gwerra. Dan it-tip ta' divertiment mid-dehra kien tassew popolari mal-Qriema, ma ssibx anzjan li meta titkellem miegħu ma jgħidlekx kemm in-nies kienu jattendu b'ħeġġa u jieħdu gost. Meta mort biex nintervistah lil Leli sibtu jistennini fil-garaxx tiegħu bl-albums tar-ritratti kollha lesti li weħidhom mhux biss juru l-ħajja ta' Leli iżda anke' l-istorja tat-teatru f'ħal Qormi u l-ħajja Qormija ta' dak iż-żmien. Qabel naqbduha fuq it-teatrin pero' lil Leli xtaqt nisma' mingħandu l-esperjenzi tiegħu tal-gwerra: *'Kelli tmintax-il sena......niftakar sew il-konfużjoni tal-gwerra għax kienet ġiet zoptu. Kien hawn l-għidut imma irrealizzajna li wasslet meta vera faqqgħet. Jien kelli n-National Service tal-Iscouts imma aktar kont noqgħod niġri 'l hemm u 'l hawn u ndur ma' dawk tal-Victory Kitchen. Minn Ħal Qormi ta' qabel il-gwerra niftakar li kien hawn ħafna Qriema li kienu burdnara u kien hawn ukoll ftit nies tas-sengħa li kienu tajbin ħafna bħal Pulis li kien imsemmi bħala mastudaxxa u ħaddieda kien hawn wieħed jgħidulu l-Kaxx u kien hawn ukoll Ġorġ li għamel aktar minn 30 sena kaxxier tal-Każin. Kif għidtlek pero' f'ħal Qormi kien hawn il-Victory Kitchen u meta kienet wasslet biex tispiċċa l-gwerra u ma kienx ikun hemm dik il-biża kont niġbor lil dawk it-tfajliet u l-ġuvnotti li kienu jaħdmu fiha, kienu jitimgħu n-nies kmieni u darba għamilt dance fl-Oratorju tas-Sagra Familja, in-naħa ta' San Ġorġ. Ma kienx għadu lest, kien nofsu bil-ġebel......kont għidt lil Ciappara biex ilaqqa' erba' minn tal-mużika u dan id-dance kien jibda kmieni u mas-sitta kulħadd ġewwa għax kien hawn il-curfew.'*

Allura għal żgħażugħ ta' tmintax-il sena bħal ma kien Leli fl-1940 x'kienet tfisser il-gwerra, kif kienu jqattgħu ħinhom iż-żgħażagħ Qriema f'dawk iż-żminijiet: *'Jien ma qabbdunix suldat għax sabuni qasir, allura kont immur niddieħes ma' tal-Victory Kitchen u għal min kien bħali, dejjem moħħu fiċ-ċajt, kont tibża' u ma tibżax, aktar kien importanti minn fejn se tiekol u x'se tiekol. Kien hawn l-iskarsezza ta' ħafna affarijiet għax ġara li bdew jegħrqu l-bastimenti u f'Santa Marija imbagħad kien hawn l-akbar festa meta daħal il-konvoj. Imbagħad niftakar dak inhar li spiċċat il-gwerra konna fejn il-ħajt tal-Każin kollha miġburin, jiena, Dun Ġużepp li kien viċi, Pawlu ta' Luċens, konna qegħdin hemm nistennew li kulħadd idoqq il-qniepen ta' Malta biex nifirħu li l-gwerra spiċċat......u fi żmien il-gwerra niftakar li xorta konna mmorru d-dances il-Ħamrun, l-Odeon u l-Każin tat-Tamal. Xorta*

*konna mmorru u fil-fatt darba fejn ir-rukkella kienet ġiet balla, lanqas konna nafu aħna, u kif ħriġna sibna n-nies mejtin fl-art u tkun żgħir dawn l-affarijiet ma tagħtix każhom, ma tapprezzahomx. Niftakar ukoll konna mmorru Raħal Ġdid, kien ikun hemm l-open air u konna nagħmlu xi reċta ma' Vitorin Galea. Kienet tibda f'xi 3.00 ta' wara nofsinhar u sas-6.00 kulħadd ġewwa. Ir-Radio City l-istess kulħadd bil-magħluq minħabba l-curfew. La konna qed nitkellmu* fuq attivitajiet ta' divertiment lil Leli staqsejtu wkoll dwar il-Banda Pinto fis-snin tal-gwerra: *'Il-banda ma kinetx iddoqq, taf meta kienet daqqet...... kienu għamlu l-Victory March fl-aħħar tal-gwerra u kulħadd daqq b'li kellu. Il-festi fi żmien il-gwerra kollha waqqfu anke l-Ġimgħa l-Kbira, xejn ma kien joħroġ......meta bdiet tersaq lejn tmiemha mbagħad bdew isiru l-opri r-Radio City u tas-Sliema u l-Manoel li kien talkies. F'Ħal Qormi bħala talkies kien hawn biss fejn illum hemm il-Każin tal-Labour għax imbagħad l-Amazon fetaħ fl-1950 u kont ftaħtu jien bil-kumpanija Cavalleros.'*



*Pawlu Debono missier Leli.*

Hawnhekk beda jidher biċ-ċar kemm l-esperjenza ta' Leli tat-Tieni Gwerra Dinjija hija marbuta sew mad-dinja teatrali. Tassew li l-imħabba tiegħu lejn it-teatru ma naqqset xejn minkejja t-tbatijiet u l-konfużjoni tal-gwerra. Madankollu tlabt lil Leli jirrakkontali xi mumenti partikolari tal-gwerra li hu jiftakar f'Ħal Qormi: *'Jien niftakarhom iħaffru l-ewwel xelter fejn il-knisja ta' San Bastjan u dawk li kienu jħaffru x-xelters kellhom bħala mgħallem tagħhom lil Frenċ tat-talkies. Il-Każin kienu ħaduh f'idejhom grupp governattiv ta' dawk li jieħdu ħsieb meta sseħħ xi diżgrazzja, qishom militari kienu, kienu għidulhom l-ARP (L-Air Raid Precautions). Kienet organizzazzjoni inizjalment imwaqqfa fl-Ingilterra biex tipprovdi għajnuna u protezzjoni lil persuni ċivili waqt air-raids....... kellhom ħafna stretchers, slielem u affarijiet oħra biex jekk jinqala xi ħaġa jkunu jistgħu jieħdu azzjoni. Kien qisu post minn fejn dawn kienu joperaw. Fil-kumitat ta' dak iż-żmien niftakar lis-Sur Karm Saliba bħala Segretarju li dam ħafna snin, kien joqgħod fejn Charlie taż-żebgħa u l-kaxxier li kien ilu aktar minn 30 sena kien missier Giovann. Imbagħad niftakar tajjeb dak li kien seħħ fl-10 ta' Frar......kienet ġiet bomba fejn il-kantuniera tal-Gagu u waqgħet dar u mietu xi nies......kien miet wieħed fuq is-sodda u miet ieħor b'daqqa ta' splinter ġo sidru, għadni narah jaqa' u jqum...... kien għadda l-isplinter minn bieb ta' remissa fejn il-kantuniera tal-Gagu u miet bih u dak il-ħin kienet tiela xarabank u minnha kien qabeż Dun ġużepp tal-Muti t'hemm ġew, kien niżel jagħtih l-assoluzzjoni. Din ta' San Pawl ta' Frar kienet l-għar waħda, kienu mietu n-nies.......u kien miet ukoll tifel ta' seba' snin fejn l-għajn tal-bhejjem bi splinter fil-bokka tax-xelter. F'din id-dar fejn noqogħdu llum ukoll kienet ġiet bomba fuq il-ħajt tal-bitħa. Barra dan kollu kien jinkwetana wkoll il-kanun tal-Marsa għax kien viċin u jekk jispara biss ukoll kien jheżżek imbagħad kellna l-kamra tas-searchlights fejn illum hemm il-kamra tan-nar ta' San Ġorġ...... kien waqa' wkoll ajruplan hemmhekk......'* Hawnhekk Leli kompla dwar ir-refuġjati li ġew Ħal Qormi u anke' l-iscouts li hu kien parti minnhom: *'Fi żmien il-gwerra kienu ġew ħafna refuġjati, aħna kienu ġew in-neputijiet u l-kuġini tagħna, tfal min-naħa t'ommi, kienu mill-Belt......ma damux wisq magħna għax imbagħad bdew ħafna kunfidenzi u nitħadtu d-dritt, konna ddejjaqna naqra bihom ukoll, allavolja qed nitħaddet fuq il-familja tiegħi. Pero' kulħadd kien iħenn għal dawn in-nies, kif tista' ma tħennx. Jien naf familja li kellha erbat itfal bniet mill-Isla, Cassar kien kunjomhom...... kienet ġurnata bnazzi, tidher kwieta u qalu ħa mmorru forsi naqilgħu xi ħaġa mid-dar għax kellhom kollox mirdum, l-Isla jiġifieri, marru u ntradmu tlieta......ma kinux mumenti*

*sbieħ......għal min bħali kellu moħħu fuq iċ-ċajt ma kienx joħodha bikbira u jien kont fl-iscouts u kelli n-National Service u konna niltaqgħu bħala scouts fl-għassa tal-Pulizija n-naħa ta' San ġorġ ħdejn il-każin tal-Werqa, hemmhekk kienet l-għassa dak iż-żmien u niftakar hemmhekk kien hemm sala kbira u fl-1934 jew 35 konna għaqqadna l-iscouts......imbagħad ġejna fejn ta' bala ħebbu u wara ġew fejn qegħdin, ħdejn is-sorijiet.'*

Ma setax jonqos li Leli jerġa jibda jirrakkontali dwar l-iżvilupp tat-teatru u ħal Qormi ta' żmienu: *'Jien għandi ritratti tal-post fejn illum hemm il-knisja ta' San Sebastjan, kien għadu għalqa, kien hemm biss l-imħażen ta' Pinto u konna nagħmlu t-teatrin hemmhekk. Bħala festa kont inħobbha pero' qatt ma kont mill-iffissati u kien hawn pika tal-injoranza. Mill-bidu kien hawn il-pika. Jien missieri dejjem fil-Każin kien għax kien idoqq ukoll, kien idoqq il-flawt mal-Banda Pinto u vjolinista mal-orkestra teatrali. Fi żmienu l-Każin kien ħdejn fejn illum hemm il-Każin tal-Labour. Pero' ċertu affarijiet tal-pika lanqas biss tgħidhom għax illum vera ridikoli. Fl-għalqa fejn illum hemm il-knisja ta' San Sebastjan, dak kien l-aqwa żmien tal-kumpanija L'Amicizia ta' Pawlu Sammut 'Il-Lajdi' (il-kumpanija filodrammatika L'Amicizia)...... niftakar familji sħaħ kienu jinżlu, kien ikun hemm gost, kienet tkun xalata għan-nies avolja konna nkunu ġo għalqa, kulħadd jiekol, jara it-teatrin u dak iż-żmien hemmhekk kien f'tarf ir-raħal, għelieqi biss kien hemm ......u jien għandi ritratti tal-1916 tal-ewwel kumpanija tat-teatru li kellna imbagħad kien infetaħ il-Każin tal-Orkestra (tal-kumpanija L'Amicizia) fi Pjazza San Franġisk. Din l-orkestra wara l-gwerra sabet ruħha fil-Każin Pinto wara li l-Każin fi Pjazza San Franġisk kien spiċċa għax min kien responsabbli minnu kien miet......imbagħad wara li kkwitat il-gwerra bdejna nagħmlu r-reċti fil-Każin. Kif għidtlek it-teatrin l-ewwel ma beda fl-għalqa minflok il-knisja imbagħad konna morna fl-imħażen ta' Pinto imbagħad wara l-gwerra bdejna fil-Każin...... il-ħadd konna nagħmlu żewġ shows mis-2.00 sas-6.00 u mis-7.00 sal-10.00. Imma imbagħad it-teatrin evolva wkoll għax bdew jinħolqu l-konkorsi ġor-Radio City per eżempju u tista' tgħid li beda jispiċċa għal ħabta tal-1950 għax f'dik is-sena jien kont armajt mal-kumpanija Cavalleros u kont ġbart liż-żgħar li kellha l-kumpanija, imbagħad kienet anke' nħolqot il-kumpanija Narbona ta' ġorġ Chircop.'*

Din it-taħdita ma' Leli madankollu ma setgħetx ma tintemmx mingħajr ma d-diskors ma jerġax idur fuq il-gwerra u l-aħħar kummenti ta' Leli kienu fuq il-biżgħat u t-tamiet tal-Maltin dak iż-żmien li l-kunflitt fl-aħħar jintemm: *'Meta kont tara ċertu raids kont tibża li Malta se ċċedi, fl-24 ta' April 1942, l-akbar raid li għamlu l-ġermaniżi xegħluha s-sema, kien qisu bi nhar. Niktakar ċertu Maempel li kien jiġi fejn il-barbier hemm ġewwa u kien jifhem bit-Taljan u kien jisma r-radju u jgħidilna x'kienu qed jgħidu. Mill-Italja kien ixandar wieħed Malti, Karlu Mallia u kien jgħid preċiż fejn kienu ibbumbardjaw u dan ir-radju ħadd ma kellu ta', kont tara radju daqsiex, kulħadd imdawwar miegħu u dan kien joqgħod jgħidilna x'qed isir......imbagħad meta fl-aħħar seħħet l-invażjoni ta' Sqallija, dik tatna n-nifs u minn hemm bdejna nħarsu 'l quddiem.*

It-Tieni Gwerra Dinjija finalment intemmet fis-7 ta' Mejju 1945 wara li l-ġermanja Nażżista ċediet għall-kundizzjonijiet tal-Alleati. Fl-Asja iżda l-ġlied baqa' għaddej sa Settembru meta fl-aħħar l-Amerikani sabu mezz effikaċi u fl-istess ħin devastanti kif itemmu l-gwerra bit-tfigħ tal-bombi atomiċi fuq Hiroshima u Nagasaki fil-ġappun. Il-gwerra għall-Maltin madankollu, kif qalilna Leli kienet diġà battiet għal ħabta tal-1943 meta l-Alleati kienu żammew kontroll tal-Afrika ta' Fuq u għalhekk l-interess tal-ġermaniżi fil-Gżejjer Maltin tista' tgħid spiċċa għal kollox. Minkejja li l-gwerra ntemmet f'dawn id-dati l-effetti u t-trawmi tagħha għan-nies li għexuha baqgħu jinħassu għal snin twal u għal min għadu ħaj tista' tgħid li għadhom jinħassu sal-lum il-ġurnata. Xhieda ta' dan huwa l-mod ċar u skjett kif Lucy u Leli u ħafna anzjani oħra jiftakru d-dettalji u l-episodji traġiċi li esperjenzaw f'dawk is-snin mudlama. Ma jistax jonqos għalhekk li nirringrazzja lil dawn iż-żewġ anzjani talli għoġobhom jirrakkontaw parti mhux daqstant sabiħa tal-ħajja tagħhom, żgur li l-memorji u l-esperjenzi li huma jħaddnu ta' dawn iż-żminijiet mhux se ssibhom f'xi ktieb tal-istorja.